MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Numru 865/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Vincent Grogan**

**Illum 10 ta’ Novembru, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Vincemt Grogan, ta’ 33 sena, bin Alfred u Antonia *nee’* Grech, imwieled Pieta’, fit-23 ta’ Gunju, 1970, residenti No. 64D, Triq il-Kapuccini, Kalkara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 279470(M);

Talli fis-16 ta’ Dicembru, 2002, u fix-xhur ta’ wara din id-data, xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa,

mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew xjentement b’kull mod iehor li tkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom, liema oggetti misruqin, gew minn reati ta’ serq ikkwantifikati b’mezz, hin u bil-valur.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-art. 370(4) u nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputat biex dan il-kaz jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-art. 334 (a) tal-Kap 9.

Tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-art.22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi ta’ l-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------